MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 542/2000/1

Josephine sive Guza Attard

Vs

Reno Attard

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi hija ghaddiet hanut ufficjalment maghruf bhala Shop 4, Triq il-Barrieri, Kirkop bl-avvjament kif ukoll id-dritt ghat-tenancy rights in konnessjoni ma l-istess hanut mahruga mid-Dipartiment tal-Estates Management lill-konvenut liema trasferiment sar versu l-prezz ta' hamest elef hames mija u erbgha u tlettin lira (LM5,534.00); illi flimkien mal-haut l-attrici ghaddiet stock ta' xorb liema stock jiswa' elf lira maltin (LM1,000); illi flimkien mal-hanut l-attrici wkoll ghaddiet lill-konvenut, appart ghall-hanut in kwistjoni u cioe Fridge, Freezer u Airconditioner li flimkien jiswew disa' mija u tmenin lira (LM980.00); illi l-attrici silfet lill-

konvenutis-somma ta’ hamest elef lira (LM5,000.00) sabiex jkun jista’ jinxtara van u dan sabiex il-konvenut ikun jista’ joperaahjar fil-gestjoni tal-hanut gia msemmi; illi l-attrici hallset is-somma ta’ mitejn lira (LM200) rapprezentanti prezz ta’ polza ta’ assikurazzjoni ghas-sena 1999 ta’ l-imsemmi hanut u dan meta t-trasferiment tal-hanut kien gja effettwat; illi ghalhekk l-ammont komplessiv dovut lill-attrici ghar-ragunijiet fuq moghtija jammonta ghall-tnax-il elf hames mija u erbatax il-lira (LM12,514.00); illi minn dan l-ammont il-konvenut hallas is-somma ta’ ghaxart elef u seba’ mitt lira (LM10,700.00) lill-attrici; u l-konvenut hu debitur tal-attrici fis-somma ta’ elfejn u erbatax-il lira (LM2,014.00) u qieghed jirrifjuta li jhallas l-imsemmi bilanc ghalkemm interpellat; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attrici fis-somma ta’ elfejn u erbatax-il lira (LM2,014.00);
2. tikkundannah ihallas ihallas l-imsemmija somma.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta’ l-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut ppresentata fl-14 ta’ April 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi huwa ma huwiex debitur tal-attrici kif pretiz minnha u fil-fatt hallas aktar milli kellu jaghtiha;
2. illi s-somma ta’ LM200 li l-attrici tghid li hallset bhala prezz tal-polza ta’ assikurazzjoni qatt ma kienet dovuta ghaliex l-assikurazzjoni relattiva dejjem thallset mill-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F’dawn il-proceduri l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannata jhallasha lura s-somma ta’ elfejn u erbatax-il lira maltin (LM2,014.00) rappresentanti bilanc minn konsiderazzjoni ta’ trasferiment ta’ avvjament ta’ hanut, kif ukoll spejjes inkorsi mill-attrici akkont tal-istess konvenut tul l-gestjoni tal-istess hanut.

Il-hanut in kwistjoni huwa maghruf bhala Shop No 4, fi Triq il-Barrieri, Kirkop. Dan il-fond kien ghal zmien twil gestit mill-attrici bhala hanut u meta din iddecidiet terfa’ mix-xoghol waslet fi ftehim mal-konvenut dwar il-prezz tal-avvjament u t-trasferiment tal-kirja. Wara li l-hanut beda jigi gestit mill-konvenut dan xtaq li jaghmel xi miljoramenti izda billi ma kellux flus talab lill-attrici, li tigi zitu, li accettat, biex isselfu xi flus u dawn kellhom jithalsu lura bin-nifs, flimkien mal-prezz tat-trasferiment.

L-attrici ssostni li l-ammont totali dovut lilha, u dan apparti s-somma ta’ LM5,000 prezz ta’ van li hi ukoll xtrat lill-konvenut pero’ dan thallas apparti, kien ta’ LM7767.00 maghmul mis-segwenti partiti:-

a. prezz ghat-trasferiment tal-hanut LM5534.00
b. offerta tal-Coca Cola imhallsa minnha LM1037.00
c. prezz ta’ fridge LM 400.00
d. prezz ta’ friza LM 180.00
e. prezz ta’ airconditioner, in parte LM 400.00
f. insurance tal-Van LM 216.00

Mill-provi migbura ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ammonti fuq imsemmija hlief ghall-partita bl-ittra (f) billi fir-rigward il-konvenut qed jsostni li dan l-ammont u cioe l-prezz tal-insurance tal-van ma thallas mill-attrici izda minn flus li huwa kien jghatiha kull gimgha ghall-ispejjes tan-negozju.

Il-konvenut qed jghid, apparti dak li inghad fir-rigward tal-partita (f), li huwa hallas dak kollu dovut u mhux hekk biss talli hallas aktar minn dak dovut b'cirka LM800. B'dana kollu l-konvenut ma ressaq ebda prova konkreta ta' din l-allegazzjoni tieghu billi huwa qatt ma zamm 'record' tal-pagamenti li kien jaghmel billi kien jhalli f'idejn iz-zija l-attrici stante li kellu fiducja ceka fiha. Wiehed ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jrid joqghod fuq il-provi prodotti mill-attrici li akkuratament u dettaljatament kienet izzom 'record' tal-pagamenti kollha li kien jsiru. In effetti dawn in-notamenti juru li l-pretensjoni attrici hija gustifikata u ghalhekk l-ammont pretiz ghandu jithallas.

Izda l-konvenut ppresenta bicca karta miktuba mill-attrici (fol 60) allegatament f'Gunju tan-1999 li turi li sa dik id-data kienet dovuta s-somma ta' LM4000 mill-ammonti fuq imsemmija (eccetto l-insurance tal-van). Din il-karta tghid ukoll li l-konvenut hallasha LM1,500 u ghalhekk kien fadal bilanc ta' LM2,500. L-argument tal-konvenut fir-rigward hu li jekk f'Gunju 1999 kien fadal biss LM2,500, il-pagamenti li saru minn dak ix-xahar sa' Jannar 2000 skond r-rendikont tal-attrici stess, igiebu "overpayment" kif qed jigi allegat fin-nota tal-eccezzjonijiet.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenut u l-konkluzzjonijiet tieghu dwar il-portata tad-Dok RA1 a fol 60 tal-process. Dan ghaliex din il-karta ma ggieb ebda data u ghalhekk il-kelma "tajtni" b'referenza ghas-somma ta' LM1,500, mhux necessarjament marbuta max-xahar ta' Gunju imsemmi aktar il-fuq fl-istess dokument. Infatti din il-Qorti hija tal-fehma li din il-karta saret hafna zmien wara Gunju 1999 u kienet intiza biex torbot zewg cirkostanzi flimkien u cioe l-ammont ta' LM4000 li kien dovut sa Gunju (tan-1999) u l-bilanc ta' LM2,500, dovut dak inhar li saret din il-karta, liema

ammont kien jirrizulta dovut wara li mill-ammont imsemmi qabel ta' LM4000 thallset is-somma ta' LM1,500. Infatti jekk wiehed jhares lejn id-dokument A2 a fol 42 tal-process li jirragrupa l-konteggi tal-attrici fir-rigward ta' dan il-kreditu hemm imnizzel fit-tieni sentenza hekk "Minn Lulju ta' 99 taghni LM1,400 elf u erba' mija." Dan jkompli juri li l-kart Dok RA1 saret cirka Ottubru/Novembru 1999 u mhux f'Gunju ta' dik is-sena. Kull interpretazzjoni ohra ta' dan l'hekk imsejjah dokument, ma taghmilx sens. Kif gja inghad l-attrici kienet izzomm 'record' dettaljat u preciz tal-pagamenti li kienu jsiru kull gimgha. Dawn juru ezattament l-istat tad-debitu tal-konvenut li del resto jistqarr b'certa forza li huwa kien jhallas LM100 fil-gimgha. Ghalhekk jekk l-istatements tal-attrici ghandhom jinghataw kredibilita' minhabba dak li ghadu kemm intqal, ma jistax jkun li hemm zball tant lampanti u jsegwi li d-dokument imsemm ghandu jigi interpretat kif jinghad fuq.

Illi dwar il-kwistjoni tal-hlas tal-insurance premium l-attrici donna hija incerta fir-rigward billi din is-somma ma tissemmiex fl-ittra tal-konsulent taghha tal-31 ta' Jannar 2000 (Dok RA2 –fol 62) u fl-istess hin l-istess attrici ma cahditx dak li qal il-konvenut fir-rigward tas-somom ta' LM30 fil-gimgha li hu kien jghaddilha (billi hi kienet tohdlu hsieb thallas l-ispejjes tal-hanut). Il-konvenut isostni u f'dan mhux kontradett, li kull gimgha huwa kien jhallas lill-attrici LM100 in rifuzjoni tas-self, (hlief ghal xi okkazzjonijiet meta inqala xi disgwid) kif ukoll LM30 ohra biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes tal-hanut bhal ma huma kontijiet tad-dawl u ilma, il-kera, hlas ta' bollol, u spejjes ohra relatati.

Issa mid-dokument A4 a fol 44 tal-process jirrizulta li l-attrici kienet teffetwwa pagamenti in konnessjoni ma dawn l-ispejjes. In fatti fin-1998 hallset LM940 u fin-1999 hallset LM792. Izda dawn l-ammonti ma gewx reklamati. Dan jista' jfisser biss li dak li qed jghid il-konvenut dwar id-depoziti li kien jaghmel maghha huwa minnu. Meta wiehed jikkunsidra li LM30 fix-xahar jwasslu ghal aktar minn LM1500 fis-sena, l-attrici kellha altru li bizzejjed flus f'idejha tal-konvenut biex thallas l-insurance tal-Van kif qed jallega l-konvenut. L-eccezzjoni tal-konvenut fir-

rigward ta' dan l-ammont ghalhekk qed tigi milqugha. Konsegwentement l-ammont ta' LM216 ser jitnaqqas mill-ammont li ser jigi dikjarat dovut mill-konvenut.

Fl-ahharnett b'referenza ghall-kummenti tal-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fejn jinghad li hemm konfuzjoni fil-konteggi billi jissemma l-ammont ta' LM12,514.00 mentri jinghad mill-attrici li thallset biss is-somma ta' LM5,700 jigi rilevat li, kif qalet l-attrici, u f'dan mhux kkontestata, ghalkemm kien hemm self iehor ta' LM5,000 ghax-xiri tal-van, dan gie kunsiderat apparti u thallas lura qabel ma saru l-pagamenti tad-debiti aktar 'l fuq imsemmija. Dan l-ammont ghalhekk mhux in kawza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tieghu, tiddikjara li l-bilanc dovut lill-attrici jammonta ghas-somma ta' elf seba' mija tmienja u disghin lira maltin (LM1,798.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici l-ammont hekk dikjarat dovut.

Billi ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim dwar hlas ta' imghaxijiet u qatt ma saret ittra ufficjali interpellatorja, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri